MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 479/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata fil-19 ta’ Marzu 1983 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Ra u M li twieldu rispettivament fil-17 ta’ Awwissu 1984 u fit-2 ta’ Novembru 1989 u ghalhekk illum huma it-tnejn maggorenni u hadd minnhom ma jattendi ghal edukazzjoni terzjarja.
2. Illi fis-16 ta’ April 2002 il-kontendenti infirdu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni pubblikat min-Nutar Liza

Camilleri, illum Schembri – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument “A”.
3. Illi ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi r-rikorrenti jhoss li ghandu jaqta` kull rabta mal-intimata u jixtieq li juzufruwixxi ruhu minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura li jiddivvorzja minn martu b’mod li kull legam maghha jinqata’ darba ghal dejjem.
5. Illi r-rikorrenti jhallas regolarment il-manteniment dovut ghat-tifel, sia pure maggorenni, billi t-tifla zzewget u ghalhekk ma hemm ebda manteniment dovut lejha, u dan ai termini tal-kondizzjoni (e)(i)(ii)(iii) u (iv) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni fuq riferit.
6. Illi l-partijiet huma t-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe` li ilhom separati legalment ghal aktar minn erba` snin u peress li ma hemm ebda possibilita` ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Ottubru 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' April 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------